MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1318/2010

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Geoffrey John Spiteri, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ April, 1976, Karta ta’ l-Identita numru 221176(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’Marzu, 2010 u fix-xhur u is-snin ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikajrazzjoni jew atqarrija falza, jew ta tagħrif falz, u cioe’ ċertifikat tal-VRT falz;

2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, u cioe', bħala ooperatur jew persuna li kellha liċenzja biex jittestja, ħareġ ċertifikat li kien juri li l-vettura għaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx ġiet ittestjata.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 42(a)(b) u 188 tal-Kodiċi Kriminali u L.S. 65.15 regolament 25(b). Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------